

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-125/11)

(2012/C 65/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix aċċettat għat-testijiet ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kompetizzjoni EPSO/AST/111/10.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrent id-dritt li jippar-teċipa fit-testijiet ta' evalwazzjoni fil-kompetizzjoni EPSO/AST/111/10 — Segretarji fil-grad AST 1;
- jintegra lir-rikorrent mill-ġdid fil-proċess tar-reklutaġġ maħluq mill-imsemmija kompetizzjoni, u fejn huwa meħtieġ, billi jiġu organizzati testijiet ta' evalwazzjoni ġodda;
- fi kwalunkwe każ, jitlob lill-EPSO sabiex jiżvela informazzjoni fil-pussess tiegħu fir-rigward tar-riżultati miksuba mill-kandidati kollha fit-testijiet d) u e);
- sussidjarjament, fil-każ fejn it-talba prinċipali ma tintlaqax, *quod non*, titħallas lir-rikorrent is-somma ffissata b'mod provviżorju u *ex aequo et bono* ta' EUR 50 000;
- fi kwalunkwe każ, titħallas lir-rikorrent is-somma ffissata b'mod provviżorju u *ex aequo et bono* ta' EUR 50 000, bħala kumpens għad-danni morali.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-127/11)

(2012/C 65/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: P. Nelissen Grade u G. Leblanc, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li ma tinkludix lir-rikorrent fuq il-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/177/10.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tat-3 ta' Frar 2011 li ma tinkludix lir-rikorrent fuq il-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/177/10;
- jannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-4 ta' April 2011 li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2011 li ma tinkludix lir-rikorrent fuq il-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/177/10;
- jannulla d-deċiżjoni tal-EPSO tad-29 ta' Awwissu 2011 li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2011 — ZZ vs BEI

(Kawża F-128/11)

(2012/C 65/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: BEI